LILL-MAHBUB

## DUN ANTON VELLA

### KAPPILLAN TA' HAL QORMI (S. ĠORĠ)

### FIL-ĠUBLEW SAĊERDOTALI TIEGHU (20 TA' LULJU, 1947)

*Tar*-Rev. Koll. A. Copperstone

Jum hekk solenni<br>
Li l-qlub ihenni:<br>
Għalina edan,<br>
Sur Kappillan.<br>
Ħbieb ta' żgħużitek<br>
Tgħaxxqu b'tjubitek:<br>
Fik l'ittamaw<br>
Jissehħa raw.<br>
Tas-Saċerdoti<br>
L-kbir ġieh fik mogħti,<br>
Hidmitek bdejt<br>
L'uriet kemm swejt.<br>
In-nies inġemgħet<br>
U kelmtek semgħet<br>
Sa minn żagħżugħ<br>
Dawl kont għal xjuħ.<br>
Hal Qormi feraħ<br>
Met' Ismek rebaħ:<br>
Bik il-Qormin<br>
Ġawhra mogħt'jin.<br>
Hajtek q'tigħ b'ħlewwa<br>
F'ħidma għas-Sewwa<br>
Hames ħamsiet<br>
Snin issa għaddiet.<br>
Hieni u qalbieni<br>
Imxi għall-ġejjieni:<br>
Miegħek b'sħun talb<br>
Għandek kull qalb.

---

Irċevejna r-"Rivista tal-Kleru", organu maħruġ mill-Patrijiet ta' Santu Wistin tal-Belt, mimli tagħrif u tagħlim ta' interess kbir.

---

Nifirħu bil-qalb kollha liż-żgħażugħ Saċerdot Dun Anton Sciberras, li qaddes l-ewwel darba fil-Knisja tan-Naxxar, nhar il-Vitorja, 8 ta' Settembru 1947. Dun Anton hu qassis ħabrieki, iħobb il-Malti u mimli ħeġġa u ħrara għall-ġid ta' għajru, ta' lsien art twelidu u ta' pajjiżu. Nixtiequlu kull ġid u hena fil-qasam tal-Mulej.

---



# Id-Djalogi ta' De Soldanis

*Bi studju ta'* G. Cassar Pullicino

**Kitba tas-Seklu XVIII**

ID-DJALOGI li sa nġibu hawnhekk inkitbu mal-mitejn sena ilu mill-Kanonku Għawdxi Gian Francesco Agius Sultana (jew kif nafuh il-lum u kif kien jikteb fi żmienu, De Soldanis) li għex mill-1712 sal-1770. Sa naqlagħhom mill-qabar tan-nisi għad-dawl tal-lum bil-ħsieb li nagħti xempju ta' kitba bil-Malti tas-Seklu Tmintax. Mhux għax ma nafux b'kitbiet oħra bil-Malti ta' l-istess żmien—kitbiet bħall-priedki li stampa L. Bonelli fid-*Dialetto Maltese* (Suppl. Arch. Glott. It., 1898, pp. 37-41) jew li għadhom jinsabu sal-lum manuskritti fil-Bibljoteka ta' Malta u għand nies privati, kif ukoll taqbil u poeżijiet ħfief li minnhom ġabar is-Sur Nin Cremona fin-Numru 7 ta' *Leħen il-Malti*. Imma proża Maltija qajla għandna ħlief dik tad-Duttrina bil-Malti tal-qassis Francesco Wzzino li nkitbet b'ordni ta' l-Isqof Alferan meta dan għaraf li tista' tikteb b'ilsien il-poplu fuq l-alfabet li De Soldanis kien sawwar għall-grammatka tiegħu tal-1750 (1). Imma din kienet kitba xotta wisq u xejn ma tixħet dawl fuq il-ħajja Maltija ta' dawk iż-żmenijiet. Mhux hekk dawn id-djalogi li bħalhom De Soldanis kien ġà ħareġ oħrajn iqsar fil-*Lingua Punica* li dehret fl-1750.

**Il-Manuskritt**

Nisiltuhom dad-djalogi mill-Ms. tal-Bibljoteka Nru. 144, li jġib l-isem *Nuova Scuola dell'antica Lingua Punica scoperta nel moderno parlare Maltese e Gozitano aperta agli studenti Maltesi e Forestieri del Canco. Gian Francesco Agius—Parte Prima e Seconda—Seconda edizione cresciuta e corretta dall'autore*. Mela kif naqraw f'isem dan ix-xogħol, din mhijiex ħlief it-tieni edizzjoni tal-grammatika tal-1750, biss imkabbra u miżjuda. Nafu li ħames snin wara l-ħruġ tal-*Lingua Punica*, i.e. fl-1755, De Soldanis kien diġà beda jaħdem fiha u fid-dizzjunarju tiegħu, li baqgħu t-tnejn manuskritti. Dan nafuh minn ittra li De Soldanis kiteb lil Ignazio Saverio Mifsud fil-25 ta' Frar, 1755, fejn qallu li dik il-ħabta kien "impegnato a

---

(1) *Della Lingua Punica presentemente usata dai Maltesi, etc.* Roma, 1750.